



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 14 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12909/1/19
REV 1

COASI 139
ASIE 42
CFSP/PESC 764

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Ottubru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12683/19	
Suġġett:	Tajlandja
	– Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Ottubru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tajlandja, kif adottati mill-Kunsill fit-3720 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ottubru 2019.

Tajlandja**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

Il-Kunsill ħa nota ta' preżentazzjoni mir-Rappreżentant Għoli dwar l-iżviluppi politiċi fit-Tajlandja wara l-elezzjonijiet ta' Marzu 2019. F'dan il-kuntest, u filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill issa jqis li huwa xieraq li l-UE tiegħu passi biex twessa' l-impenn tagħha mat-Tajlandja, inkluż dwar kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem, libertajiet fundamentali u pluraliżmu demokratiku, billi tħejji għall-iffirmar f'waqtu tal-Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni (FSK). Il-Kunsill jenfasizza wkoll dwar l-importanza li jittieħdu passi biex jergħu jibdew in-negozjati dwar Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FKĦ) ambizzjuż u komprensiv.
